

# Mons. Pietro Dusina



Louis Fenech

L-aktar żewġ dokumenti importanti li nsibu fil-Kurja ta' Malta bla dubju ta' xejn huma dawk li ħallewlna Mons. Senatore de Mello fl-1436, u Mons. Pietro Dusina fl-1575. De Mello kien Isqof ta' Malta li, bħal ta' qablu, kien jgħix Palermo. Kien ġie Malta fl-1436 biex isib tarf tal-inkwiet li kien inqala' bejn il-kleru Malti u dak Għawdxi dwar taxxa li kellha titħallas mill-ġbir ta' benefiċċji. Fl-istess waqt huwa kien ra l-qagħda tal-knisja f'Malta u ġabarha għalhekk f'għaxar parroċċi, flimkien ma' dik tal-Imdina u l-Birgu.

Mons. Dusina kien Inkwiżitur Appostoliku mibgħut mill-Papa Gregorio XIII biex hu wkoll isib tarf tal-inkwiet li kien inqala' bejn l-Isqof Martino Royas (1572–1577) u l-Gran Mastru La Cassiere (1572-1581). La Cassiere deherlu li l-Isqof kellu jħallas it-taxxa. L-isqof Royas irrifjuta u appella Ruma. Barra dan, La Cassiere kellu inkwiet intern ma' ħafna mill-kavallieri żgħażagħ li kienu jħobbu ħafna l-libertinaġġ. L-awsterità li kien imexxi biha kienet anke mistkerrha mill-Maltin. Tant kien mibgħud mill-Kavallieri li kienu warrbuh u anke ħelsu minnu billi tefgħuh il-ħabs, u floku kienu għamlu lil Romegas. Għalhekk il-Papa, fit-3 ta' Lulju 1574, ħatar lil Mons. Dusina inkwiżitur u delegat Appostoliku rappreżentant uffiċjali tas-Santa Sede, b'setgħa sħiħa, libera u wiesgħa. Barra li jsib soluzzjoni tal-inkwiet, huwa kellu wkoll jara li d-digrieti tal-Konċilju ta' Trentu jitwettqu.

Mons. Pietro Dusina twieled fi Brescia, fil-Lombardija, l-Italja ta' fuq. Hu kien magħruf sew għall-għerf li kien jipposjedi. Kien illawrjat fit-Teoloġija, fil-liġi ċivili u ekkleżjastika. Kif sab ruħu Inkwiżitur hawn Malta?

L-istorja tibda meta fl-1572 Dusina kien vigarju tal-isqof ta' Napli, il-Kardinal Carafa. Naqraw li fil-battalja ta' Lepanto, Don Juan tal-Awstrija kien għadu kif ġie lura, skonfitt. Għajjien kif kien, għamel waqfa Napli biex jistrieħ. Hemm, huwa ltaqa' ma' Diana Falangola, li minnha kellu tarbija. Biex jostru dan il-att sesswali ta' Donna Giovanna tal-Awstrija, il-Viċi Re ta' Napli, il-Kardinal Granvella, għamel arranġamenti biex tidħol fil-kunvent tas-sorijiet ta' Santa Patrizja. Is-sorijiet oġġestjonaw. Dusina, li

*(Ikompli f'pagna 138)*








kellu l-barka tal-Isqof, qabel mas-sorijiet. Hawn il-każ għadda għand in-Nunzju tal-Papa Gregorju XIII, fejn ordna li Donna Diana tidħol ma' dawn is-sorijiet. Għalkemm l-Isqof ipprova jikkonvinċi s-sorijiet li kien hemm ordni mill-Papa, Dusina li kien maħtur minn Ruma u għalhekk indipendenti mill-Isqof, kompla joġġezzjona. Iżda fl-aħħar is-sorijiet kellhom jaċċettawha.

Barra dan l-episodju, Dusina kellu każ ieħor fejn wasslu biex jiġi mkeċċi u għadda sena u nofs Ruma. Dan kien każ fejn ħalliel inqabad jisraq mill-Knisja ta' San Lorenzo u ntefa' l-ħabs tal-Isqof. L-awtoritajiet ċivili riedu jipproċessawh huma u Dusina ma ħalliehomx joħduh. L-awtoritajiet ċivili sfrondaw il-bieb tal-ħabs u ħaduh. Dusina meta ra hekk, bagħat l-iskomunika fuq dawk kollha li kellhom x'jaqsmu mal-ħtif tal-ħalliel. Bi tpattija ta' dan, il-Viċi Re ta' Napli ordna li l-ħalliel jiġi mgħallaq fi Pjazza ta' San Lorenzo u Dusina ordnat iħalli Napli fi żmien 24 siegħa u li f'ġimgħa kellu jparpar 'il barra. Dan spiċċa Ruma. Ir-Re Filippu II kien approva kollox. Dan kien fit-13 ta' Lulju 1573.

Dan kollu juri kemm Dusina kien ta' kelmtu u serju f'ħidmietu. Ma kienx imur lura mid-deċiżjonijiet li jieħu. Intant wara li qatta' xi xhur Ruma, il-Papa Gregorju XIII fit-3 ta' Lulju 1574 fi breve li ta lil Mons. Pietru Dusina, ħatru Viżitatur Appostoliku u Inkwiżitur tal-Gżejjer Maltin bil-poter li seta' jiġġudika anke l-Kavallieri.

Dusina wasal Malta fl-1 ta' Awwissu 1575. Hekk kif wasal, talab fejn hu u s-servitù tiegħu kienu se joqogħdu. Ingħata l-kastellanja fil-Birgu, fejn qabel kien il-qorti tal-Kavallieri meta waslu Malta. U hekk is-sede tal-Inkwiżitur kienet dejjem il-Birgu. Iżda għamel xi żmien fil-kastell Sant'Iermu, u żmien ieħor fil-kunvent tad-Dumnikani l-Birgu, fejn kien jagħmel użu mill-knisja tal-Lunzjata. Meta mbagħad inbniet il-knisja fil-palazz, li llum nafuh bħala *Il-Palazz tal-Inkwiżitur*, Dusina beda jaħdem minn hemm.

Wieħed irid jgħid ukoll li Dusina ġie milqugħ mill-Gran Mastru La Cassiere. F'ittra tal-14 ta' Jannar, La Cassiere wissa biex kull fejn imur Dusina għandu jiġi milqugħ bid-dinjità kollha.

Fil-21 ta' Jannar 1575, Dusina beda l-vista Appostolika tiegħu. Ħatar biex jgħinuh lill-Vigarju Ġenerali Don Antonio Bartolo, Kappillan taż-Żurrieq, u l-Patri Dumnikan Damiano Taliana. Waħda mir-raġunijiet kienet biex jikkomunika ma' dawk li ma kinux jafu jitkellmu bit-Taljan. L-ewwel vista kienet lill-Katidral tal-Imdina fejn l-ewwel kien jitlob, iqaddes u jipprietka, kif dejjem għamel f'kull knisja li żar. U raħal wara raħal Dusina dar ma' Malta u Għawdex fix-xahrejn ta' wara.

Fil-vista tiegħu Dużina żar mal-430 knisja u kappella. Fejn deherlu li ma kinux adatti għall-kult, talab li jew isiru t-tiswijiet meħtieġa – ġeneralment





fi żmien xahar taħt piena ta' multa ta' 10 unce – jew li jingħalqu u dawn jiġu iddekonsagrati. Ħafna minn dawn kienu mingħajr bibien u għalhekk ordna biex isiru f'qasir żmien. Minn dawn Dusina iddekonsagra 59 knisja, 13 minnhom f'Għawdex. Fejn kien hemm knejjes imġarrfa ordna li jitla' salib fil-post. Issa wieħed irid jifhem li dan id-diżastru kollu mhux fil-knejjes biss kien, iżda ma' Malta kollha. Ftit qabel kellna l-famuż Assedju l-Kbir, fejn it-Torok kull fejn daħlu, farrku u serqu kulma sabu. U ma naqsux jaqilgħu l-bibien għall-ħġejjeġ biex jissaħħnu. U l-knejjes tagħna ma kinux eċċezzjoni, anzi naħseb li dan għamluh aktar bil-qalb. Barra dawn il-visti, Dusina kien jisma' l-kawżi, ħafna minnhom ta' ereżiji, u ta' dawk li kien jingħad li kienu jagħmlu s-seħer.



Papa Gregorju XIII

Irridu niftakru li fil-breve li ngħata Dusina, kien ukoll marbut jara, li d-digrieti tal-Konċilju ta'Trentu jiġu attwati. Dan beda biex ordna li l-magħmudija ma tibqax issir b'rit Biżantin, fejn it-tarbija kienet tiġi mniżżla fl-ilma, li ħafna drabi ma kien jinbidel qatt. Illum nafu kif issir il-magħmudija. Ordna wkoll biex ikun hemm rispett lejn il-mejjet u għalhekk ordna biex jitħaffru oqbra fil-knejjes jew barra l-knejjes. Ordna wkoll biex il-post fejn jinżamm is-sagrament u ż-żjut tas-sagramenti jkun f'post adattat. B'riħet dan kollu ordna wkoll biex jinżammu reġistri fejn jinżamm rekord tal-Magħmudijiet, Imwiet, Tqarbin u Griżma tal-Isqof. Dusina waqqaf il-fratellanza tas-S.S. Sagrament biex il-morda jitwasslilhom it-tqarbin, minħabba li l-kappillan mhux dejjem kien ikun aċċessibbli.

U hawn niġu għal-laqgħa li kellu mal-kleru. Dusina ma ltaqax mal-kleru biss, iżda ried jisma' x'kellu jgħid il-poplu, għaliex kull fejn mar, barra li kien milqugħ, ħafna riedu jkellmuh. Is-sitwazzjoni ma kinetx feliċi, kemm fl-amministrazzjoni tad-djoċesi, kif ukoll dik ċivili.

L-ewwel ma ltaqa' kien mal-qassisin. Ħafna kienu dawk li lmentaw u qalu li avolja kellhom l-approvazzjoni tal-Papa Piju IV biex isir it-testment, l-Isqof xorta ma obdiex għaliex allega li kellu l-konferma tar-Re Filippu ta' Spanja. L-Isqof ried li jiret kollox mingħand dawk li kienu qed imutu, u anke hedded li ma jindifnux jekk ma jobdux. Dan xehdu l-Kanonku Fava.

Dwar il-kappillani hemm ħafna x'wieħed jgħid. Dawn ma kinux ilaħħqu mal-parroċċi kollha fdati f'idejhom. Kien hemm fejn meta l-mejtin indifnu mingħajr ma laħqu l-aħħar sagramenti. Barra minn hekk kienu jitolbu flus għas-servizzi li kien obbligat iwettaq, u min ma setax, kien jara x'ser joħodlu mid-dar. Kellhom għal ħmistax-il ġurnata jservu fl-Katidral tal-Imdina u min ma setax minħabba 'l bogħod kienu jħallu lil min joqgħod flokhom. Kien hemm ukoll kappillani li kienu jgħixu konkubinaċċ. Dusina ordna li l-kappillani kellhom iservu fil-parroċċi rispettivi tagħhom.

Imbagħad xi ngħidu għas-simonija li kienet għaddejja. Biex wieħed jiġi ordnat ried iħallas.





Ħafna minn dawn il-każi kollha kienu jitwettqu fi Sqallija mill-Isqof Mons. Nicola de Valle, Franġiskan, u l-ħlas kellu jkun bil-quddiem. U kien hemm minn kellu jbiegħ xi affarijiet għal qalbu għax jekk le l-ordinazzjoni ma kinetx issir.

Skola l-maġġoranza tal-qassisin ma kinux jafu, u Dusina kellu jissospendi xi wħud minnhom għaliex bilkemm kienu jafu jaqraw u jiktbu u lanqas jittraduċu dak li jaqraw. Iżda l-kappillani u uffiċjali tal-knisja kienu ta' skola u kien hemm minnhom barra l-Latin kien jaf xi lingwi oħra. U dan kien jirrifletti mhux biss fuq il-kleru iżda wkoll fuq il-poplu inġenerali, meta wieħed iħares lejn il-faqar li kien hawn u l-iskejjel kienu biss għas-sinjuri.




GM La Casseiere

Dusina mhux f'dawn biss kellu interess. Huwa dar l-irħula, u ltaqa' mannies. Sema x'kellhom jgħidu u nnota kif kienu jgħixu billli tana elenku ta' kemm djar hemm fihom, il-popolazzjoni ta' kull raħal u s-sitwazzjoni ġenerali. Dar ukoll il-kunventi u anke ż-żewġ sptarijiet li kien hawn. Il-Birgu kien, fejn illum hemm Santa Skolastika u r-Rabat ta' Santu Spirtu, fejn illum hemm l-Arkivji tal-Gvern. Għawdex, is-sitwazzjoni kienet differenti għaliex sab li l-isptar kien jintuża bħala ħabs, u ordna biex il-post ma kellux jintuża ħlief bħala sptar. Dusina ma kienx sodisfatt kif kien qed jiġi amministrat il-gvern ċivili wkoll. U hawn għandna l-ewwel ħjiel ta' regolamenti kif għandhom jitmexxew, fejn ta xi tmien regoli kif għandhom jiġu amministrati l-liġijiet tal-knisja u dawk ċivili.

Qabel telaq ħa ħsieb, skont il-Konċilju ta' Trento, li għandu jitwaqqaf Seminarju, biex min ikun ser isir qassis ikollu edukazzjoni kif jixraq ta' saċerdot. Għalkemm is-seminarju dam ma twettaq, kienu l-Ġiżwiti li fetħu kulleġġ fejn bdew jgħallmu t-Teoloġija u l-Filosofija.

Barra dan kollu hu kien inkwiżitur, u kellu għalhekk jattendi għall-kawżi li ħafna drabi kienu dwar is-seħer li hawn Malta, fejn dawk iż-żminijiet kien refa' rasu. Kif ukoll għall-maġija u s-superstizzjonijiet. Fin-Naxxar sab li xi nisa kienu jaħarqu l-weraq taż-żebbuġ u jbaħħru bih fuq l-annimali morda waqt li kienu jagħmlu xi talb għall-fejqan.

Dawn huma ftit mill-episodji tal-mawra ta' Mons. Pietru Dusina. Ir-rapport li ħa miegħu Ruma huwa estensiv u impossibbli tgħid kollox. Hawnhekk aħna dewwaqna ftit minn dak li sab, ipprova jsewwi dak li ma kienx xieraq fil-knisja kif ukoll fl-amministrazzjoni ċivili, u biex jara li jitwettqu id-digrieti tal-Konċilju ta' Trentu.

Jekk wieħed irid tagħrifa aktar ġenerali taż-żjara ta' Mons. Pietro Dusina, isib aktar informazzjoni fit-taħdita li kien ta Joseph Cassar Pullicino lis-Soċjetà Storika Maltija fit-22 ta' Frar 1953. Ir-rapport li ta huwa estensiv ħafna. Fit-test li tana "*Social Aspects of an Apostolic Visit*", Pullicino dar dawra sewwa mal-ħajja Maltija fi żmien din iż-żjara, filwaqt li wriena x'sar waqt iż-żjara Appostolika ta' Dusina u anke qabel.



